IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE
EXAMINATIONS BOARD

L-Università ta' Malta

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE LEVEL**
**SESSJONI MEJJU 2018/2018 MAIN SESSION**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT/SUBJECT: | **IT-TAGĦLIM RELIĠJUŻ/RELIGIOUS KNOWLEDGE** |
| KARTA NUMRU/PAPER NUMBER: | I |
| DATA/DATE: | 26 ta' Mejju 2018/26th May 2018 |
| ĦIN/TIME: | mis-9:00 a.m. sal-11:05 a.m./9:00 a.m. to 11:05 a.m. |

**Sezzjoni A: Wieġeb dawn il-mistoqsijiet KOLLHA. Tista' twieġeb bil-Malti JEW bl-Ingliż. Il-marki jidhru wara kull mistoqsija. Din is-sezzjoni għandha 50 marka.**
***Section A: Answer ALL the following questions. You can answer EITHER in English OR in Maltese. The marks are indicated at the end of each question. This section carries 50 marks.***

1. Liema huwa l-ewwel ktieb fil-Bibbja? (1)
   *Which is the first book of the Bible? (1)*

___________________________________________________________

2. Fid-dawl tad-dokument tal-Konċilju Vatikan it-Tieni '*Nostra Aetate*', kif għandna nħarsu lejn reliġjonijiet oħra? (2)
   *In the light of the document 'Nostra Aetate' of the Second Vatican Council, how should we look at other religions? (2)*

___________________________________________________________

___________________________________________________________

3. B'liema **TLIET** atteġġjamenti għandna nersqu lejn il-Bibbja? (3)
   *With what **THREE** attitudes should we approach the Bible? (3)*

i. ___________________________________________________________

ii. ___________________________________________________________

iii. ___________________________________________________________

4. Għaliex m'għandux ikun hemm kontradizzjoni bejn dak li naqraw fil-Ġenesi u dak li tgħallem ix-xjenza? (2)
   *Why shouldn't there be any contradiction between what we read in Genesis and what science teaches? (2)*

___________________________________________________________

___________________________________________________________

***Jekk jogħġbok aqleb wara. / Please turn the page.***

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

5. Fil-ktieb tal-Ġenesi, liema kienet dik il-firda prinċipali li wasslet għal firdiet oħra? (1)
   *In the book of Genesis, which was the principal rift that led to other rifts? (1)*

______________________________________________________________________

6. a) X'jismu l-ktieb bibbliku li jirrakkonta l-ħruġ tal-poplu Lhudi mill-jasar tal-Eġittu? (1)
   *a) What is the name of the biblical book that narrates when the Jewish people were freed from bondage in Egypt? (1)*

______________________________________________________________________

   b) Dan il-ktieb bibbliku ġie miktub f'forma ta' 'saga reliġjuża'. Fisser dan l-istil letterarju wżat mill-awtur sagru. (2)
   *b) This biblical book was written in the form of a 'religious saga'. Explain this literary style as used by the sacred author. (2)*

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

7. Il-Poplu Lhudi daħal f'patt ta' ħbiberija mal-Mulej meta qal: "Kulma qalilna l-Mulej, nagħmluh u nisimgħu minnu." (Eż. 24,7) X'jiġri meta tnejn jidħlu f'patt ta' ħbiberija bejniethom? (2)
   *The Jewish people made a covenant of friendship with the Lord when they said: "We shall do everything that Yahweh has said; we shall obey." (Ex. 24,7) What happens when two people make a covenant of friendship between them? (2)*

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

8. Semmi **ŻEWĠ** dokumenti mhux Insara li juru li Ġesù tassew eżista u għex fostna bħala bniedem. (2)
   *Name **TWO** non-Christian documents that show that Jesus really existed and lived among us as a human being. (2)*

i. ______________________________________________________________________

ii. ______________________________________________________________________

9. X'wera Ġesù meta lill-mifluġ qallu "ibni, dnubietek maħfura" (Mk 2, 5)? (1)
   *What did Jesus reveal when he told the crippled man "son, your sins are forgiven" (Mk 2, 5)? (1)*

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

10. Ġesù ta lill-appostli diversi ħidmiet speċjali biex huma u s-suċċessuri tagħhom ikomplu l-ħidma ta’ salvazzjoni fil-Knisja. Semmi **TLIETA** minnhom. (3)
*Jesus gave to the apostles several special missions so that they and their successors would continue working for salvation within the Church. Name **THREE** of them. (3)*

i. ______________________________

ii. ______________________________

iii. ______________________________

11. Ambaxxatur huwa dak li jitkellem u jagħmel ħidma f’isem il-mexxej li jibagħtu. Min huma l-ambaxxaturi fis-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni? (1)
*An ambassador is one who converses and works on behalf of the leader who sends him. Who are the ambassadors in the Sacrament of Reconciliation? (1)*

______________________________

______________________________

12. F’liema żmien liturġiku l-Insara huma msejħa biex jgħixu atteġġjament ta’ indiema u rikonċiljazzjoni? (1)
*In which liturgical period are the Christians called to live an attitude of repentance and reconciliation? (1)*

______________________________

13. Agħti **ŻEWĠ** eżempji biex turi li Ġesù ġie wkoll għall-midinbin. (2)
*Give **TWO** examples to show that Jesus also came for sinners. (2)*

i. ______________________________

ii. ______________________________

14. Is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni nirreferu għalih b’ismijiet oħra. Semmi **TNEJN** minnhom. (2)
*The Sacrament of Reconciliation is also known by other names. Mention **TWO** of them. (2)*

i. ______________________________

ii. ______________________________

15. Kif nistgħu ngħixu b’atteġġjament ta’ għaqda bejnietna kuljum? (2)
*How can we live with an attitude of unity among ourselves every day? (2)*

______________________________

______________________________

***Jekk jogħġbok aqleb wara. / Please turn the page.***

16. Semmi **ŻEWĠ** modi biex turi x'inhu s-sehem taċ-ċittadin fil-ħajja politika. (2)
*Mention **TWO** ways to indicate what the role of the citizen in political life is. (2)*

17. Fisser dan il-kliem:
*Explain these words:*
a) Battisteru: (1)
*a) Baptistry: (1)*

b) Katekumenu: (1)
*b) Catechumen: (1)*

18. a) Semmi **ŻEWĠ** dommi Marjani tal-Knisja Kattolika. (2)
*a) Name **TWO** Marian dogmas of the Catholic Church. (2)*

i. ______

ii. ______

b) Fil-qosor, agħti t-tifsira tagħhom. (2)
*b) Explain them briefly. (2)*

i. ______

ii. ______

19. Indika **ŻEWĠ** sitwazzjonijiet li fihom jista' jiġi amministrat is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda. (2)
*Give **TWO** situations when one can administer the Sacrament of the Anointing of the Sick. (2)*

i. ______

ii. ______

20. Għaliex il-bniedem għandu jibża' għal ħajtu? (2)
*Why should a human person take care of his life? (2)*

TIKTIBX F'DAN L-ISPAZJU
*DO NOT WRITE IN THIS SPACE*

21. Agħti **ŻEWĠ** eżempji meta x-xogħol jista' jkun għajn ta' tbatija. (2)
*Give **TWO** examples when work can be a source of hardship.* *(2)*

i. ______________________________

ii. ______________________________

22. Fisser x'inhi l-imħabba 'agape'. (2)
*Explain what 'agape' love is.* *(2)*

______________________________

______________________________

23. a) Min huma l-ministri fis-Sagrament taż-Żwieġ? (1)
*a) Who are the ministers in the Sacrament of Marriage?* *(1)*

______________________________

______________________________

b) Għalxiex kien qed jirreferi San Ġwanni Pawlu t-Tieni, Papa, meta fl-enċiklika tiegħu *Familiaris Consortio* tkellem dwar id-dwal u d-dellijiet li jeżistu fil-familji ta' llum? (2)
*b) To what was St John Paul II, Pope, referring when, in his encyclical letter, Familiaris Consortio, he spoke about the lights and shadows that exist in today's family?* *(2)*

______________________________

______________________________

24. X'inhu l-ogħla suċċess li n-Nisrani jista' jilħaq? (1)
*What is the highest success that a Christian can attain?* *(1)*

______________________________

25. Fil-parabboli tiegħu, Ġesù mhux l-ewwel darba spiċċa bil-kliem: "mitfugħin barra fejn hemm il-biki u t-tgħeżżiż tas-snien." (Mt 22, 13; 25, 30) X'ried ifisser b'dan il-kliem? (2)
*In his parables, Jesus often concluded with the words: "thrown out where there will be weeping and gnashing of teeth." (Mt 22, 13; 25, 30) What did he mean with these words?* *(2)*

______________________________

______________________________

**(Totali: 50 marka)** ***(Total: 50 marks)***

***Jekk jogħġbok aqleb wara. / Please turn the page.***

**Sezzjoni B: Wieġeb dawn il-ĦAMES mistoqsijiet billi tikteb paragrafu fuq kull waħda. Tista' twieġeb bil-Malti JEW bl-Ingliż. Il-marki jidhru wara kull mistoqsija. Din is-sezzjoni għandha 25 marka.**
***Section B: Answer these FIVE questions by writing a paragraph on each. You can answer EITHER in English OR in Maltese. The marks are indicated at the end of each question. This section carries 25 marks.***

1. X'nifhmu meta ngħidu li l-Knisja hi l-Poplu l-Ġdid t'Alla? (5)
   *What do we mean when we say that the Church is the New People of God? (5)*

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

2. Għaliex in-Nisrani għandu jħoss il-ħtieġa li jqerr? X'għandu jqerr? (5)
   *Why should the Christian feel the need to confess? What should he/she confess? (5)*

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

3. F'liema sens demm Ġesù ħa post id-demm tal-Patt tas-Sinaj? (5)
*In what sense did the blood of Jesus replace the blood of the Sinai Covenant? (5)*

4. X'tgħallem il-Knisja dwar ir-rispett lejn l-annimali? (5)
*What is the Church's teaching about respect towards animals? (5)*

5. Għaliex il-ħaddiem għandu jiġi dejjem qabel ix-xogħol? (5)
*Why should the worker always be given priority over work? (5)*

**(Totali: 25 marka)** ***(Total: 25 marks)***

***Jekk jogħġbok aqleb wara. / Please turn the page.***

**Sezzjoni Ċ: Aqra sew dawn is-siltiet u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li jsegwuhom. Tista' twieġeb bil-Malti JEW bl-Ingliż. Il-marki jidhru wara kull mistoqsija. Din is-sezzjoni għandha 25 marka.**
***Section C: Read these texts carefully and answer ALL the questions that follow. You can answer EITHER in English OR in Maltese. The marks are indicated at the end of each question. This section carries 25 marks.***

**1. Ħobb 'il għajrek**
***Love your neighbour***

"Imma lilkom li qegħdin tisimgħu ngħidilkom: Ħobbu l-għedewwa tagħkom, agħmlu l-ġid lil dawk li jobogħdukom, bierku lil dawk li jisħtukom, itolbu għal dawk li jqassu fuqkom. Min jagħtik daqqa ta' ħarta fuq ħaddek, dawwarlu l-ieħor; u min irid jeħodlok il-libsa, ħallih jeħodlok il-mantar ukoll. Min jitolbok, agħtih; u min jeħodlok dak li hu tiegħek, titlobhulux. Kif tridu li jagħmlulkom in-nies, hekk agħmlu lilhom. U jekk tħobbu lil min iħobbkom, xi ħlas ħaqqkom? Imqar il-midinbin jagħmlu hekk. U jekk tisilfu lil dawk li intom tittamaw li jroddu, xi ħlas ħaqqkom? Imqar il-midinbin jisilfu lill-midinbin, biex jieħdu daqshekk ieħor. Imma ħobbu l-għedewwa tagħkom, agħmlu l-ġid u isilfu, bla ma tistennew li titħallsu; u ħlaskom ikun kbir, u tkunu ulied l-Ogħla, li hu twajjeb ma' dawk ta' qalbhom iebsa u mal-ħżiena. Kunu mela ħanina bħalma hu ħanin Missierkom." (Lq 6, 27-36)

*"But I say to you who are listening: Love your enemies, do good to those who hate you. Bless those who curse you, pray for those who treat you badly. To anyone who slaps you on the one cheek, present the other cheek as well; to anyone who takes your cloak from you, do not refuse your tunic. Give to everyone who asks you, and do not ask for your property back from someone who takes it. Treat others as you would like people to treat you. If you love those who love you, what credit can you expect? Even sinners love those who love them. And if you do good to those who do good to you, what credit can you expect? For even sinners do that much. And if you lend to those from whom you hope to get money back, what credit can you expect? Even sinners lend to get back the same amount. Instead, love your enemies and do good to them, and lend without any hope of return. You will have a great reward, and you shall be children of the Most High, for he himself is kind to the ungrateful and the wicked. Be compassionate just as your Father is compassionate." (Lk 6, 27-36)*

a) L-Evanġelista jikteb "u tkunu ulied l-Ogħla"? Min hu 'l-Ogħla' f'din is-silta? (1)
*a) The Evangelist wrote "and you shall be children of the Most High". Who is 'the Most High' in this passage? (1)*

___

b) Sib frażi mis-silta li biha Ġesù qed jgħidilna biex ma npattux imma naħfru? (2)
*b) Find a phrase from the passage that shows that Jesus is telling us not to requite but to forgive. (2)*

___

___

c) Għaliex il-ħlas ikun akbar meta nħobbu lill-għedewwa tagħna? (3)
*c) Why will our reward be greater when we love our enemies? (3)*

d) Ġesù tkellem diversi drabi dwar l-imħabba. Liema hu l-Kmandament tal-imħabba li Ġesù waqqaf? (2)
*d) Jesus spoke several times about love. Which is the Commandment of love that Jesus established? (2)*

e) Fejn wera Ġesù li hu jħobb ukoll lill-għedewwa tiegħu? (2)
*e) Where did Jesus show that he loves even his enemies? (2)*

**(Totali: 10 marki)** ***(Total: 10 marks)***

***Jekk jogħġbok aqleb wara. / Please turn the page.***

**2. Għaliex immorru l-quddies il-Ħadd?**
***Why go to Sunday mass?***

Iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija tal-Ħadd hi fil-qalba tal-ħajja tal-Knisja. Aħna l-Insara mmorru l-quddiesa l-Ħadd biex niltaqgħu ma' Kristu Rxoxt, jew aħjar, biex inħallu lilu jiġi jiltaqa' magħna, nisimgħu kelmtu, insostnu ruħna mill-mejda tiegħu, u hekk insiru Knisja, jiġifieri l-Ġisem mistiku ħaj tiegħu fid-dinja.

Dan sa mill-bidu fehmuh id-dixxipli ta' Ġesù, li ċċelebraw il-laqgħa Ewkaristika mal-Mulej fl-ewwel tal-ġimgħa għax f'dak il-jum Ġesù qam minn bejn l-imwiet u deher lid-dixxipli, tkellem magħhom, kiel magħhom, tahom l-Ispirtu s-Santu. Anki meta l-Ispirtu niżel b'qawwa fuqhom f'Pentekoste, dan seħħ il-Ħadd. Għalhekk il-Ħadd hu jum qaddis għalina, imqaddes miċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika, preżenza ħajja tal-Mulej fostna u għalina. Mela hi l-Quddiesa li tagħmel il-Ħadd Nisrani! Il-Ħadd Nisrani jdur madwar il-Quddiesa. X'Ħadd ikun, għan-Nisrani, dak li fih tibqa' nieqsa l-laqgħa mal-Mulej? (Silta mill-katekeżi tal-Papa Franġisku waqt l-Udjenza Ġenerali tal-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2017)

*The Sunday celebration of the Eucharist is at the heart of the Church's life. We Christians go to Sunday Mass to encounter the Risen Lord, or better still to allow ourselves to be encountered by him, to hear his Word, to nourish ourselves at his table, and thus we become the Church, that is, his mystical living Body in the world.*

*From the first hour, Jesus' disciples understood this; they celebrated the Eucharistic encounter with the Lord on the day of the week that the Hebrews called "the first of the week" and the Romans called "day of the sun", because on that day Jesus rose from the dead and appeared to the disciples, speaking with them, eating with them, giving them the Holy Spirit, as we have heard in the Gospel reading. The great outpouring of the Spirit at Pentecost also happened on a Sunday. For these reasons, Sunday is a holy day for us, sanctified by the Eucharistic celebration, the living presence of the Lord among us and for us. Thus, it is the Mass that makes Sunday Christian. The Christian Sunday revolves around the Mass. For a Christian, what is a Sunday in which the encounter with the Lord is lacking? (Extract from Pope Francis' General Audience of Wednesday, 13th December, 2017)*

a) Għaliex l-Insara jmorru l-quddies? (1)
*a)* Why do Christians go to mass? *(1)*

____________________________________________________

b) Sa minn żmien l-Appostli u d-dixxipli ta' Ġesù, l-Ewkaristija bdiet tiġi ċċelebrata fil-jum tal-Ħadd. Għaliex? (2)
*b) Since the time of the Apostles and the disciples of Jesus, the Eucharist started to be celebrated on Sunday. Why? (2)*

____________________________________________________

____________________________________________________

c) X'insejħulha l-ġrajja meta l-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-Appostli? (1)
*c) What do we call the event when the Holy Spirit descended upon the Apostles? (1)*

______________________________________________

d) X'ried ifisser il-Papa meta qal "hekk insiru Knisja"? (2)
*d) What did the Pope mean when he said: "and thus we become the Church"? (2)*

______________________________________________

______________________________________________

e) Liema huma ż-**ŻEWĠ** taqsimiet prinċipali tal-Quddies? (2)
*e) Which are the **TWO** main parts of Mass? (2)*

i. ______________________________________________

ii. ______________________________________________

f) Ikteb il-kelmiet li bihom Ġesù waqqaf is-sagrament tal-Ewkaristija fl-Aħħar Ċena. (2)
*f) Write the words with which Jesus instituted the sacrament of the Eucharist during the Last Supper. (2)*

i. ______________________________________________

ii. ______________________________________________

g) Liema kmandament jobbliga lin-Nisrani għall-parteċipazzjoni fil-Quddies fil-jum tal-Ħadd? (2)
*g) Which commandment obliges the Christian for participation in Mass on Sunday? (2)*

______________________________________________

______________________________________________

h) Ikteb **TLIET** azzjonijiet biex turi x'għandu jagħmel in-Nisrani biex iqaddes il-Jum tal-Ħadd. (3)
*h) Write **THREE** actions to show what the Christian should do to keep Sunday holy. (3)*

i. ______________________________________________

ii. ______________________________________________

iii. ______________________________________________

**(Totali: 15-il marka)** ***(Total: 15 marks)***

Blank Page

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE
EXAMINATIONS BOARD

L-Università ta' Malta

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE LEVEL**
**SESSJONI MEJJU 2018/2018 MAIN SESSION**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT/SUBJECT: | **IT-TAGĦLIM RELIĠJUŻ/RELIGIOUS KNOWLEDGE** |
| KARTA NUMRU/PAPER NUMBER: | IIA |
| DATA/DATE: | 26 ta' Mejju 2018/26th May 2018 |
| ĦIN/TIME: | mill-4:00 p.m. sas-6:05 p.m./4:00 p.m. to 6:05 p.m. |

**Din il-karta għandha 60% tal-marki kollha tal-eżami. Tista' twieġeb bil-Malti JEW bl-Ingliż. Wieġeb TLIETA minn dawn il-ħames mistoqsijiet f'forma ta' esej. Kull mistoqsija għandha 50 marka minn total ta' 150.**
***This paper carries 60% of the global mark of the exam. You can answer EITHER in English OR in Maltese. Answer THREE of these five questions in essay format. Each question carries 50 marks out of a total of 150.***

**1. Bid-dnub tiegħu, il-bniedem inqata' mill-għajn tal-ħajja u qabad it-triq tal-mewt.**
***1. Due to his sin, man was severed from the source of life and set out on his way to death.***

a) (i) Ikteb ir-rakkont li nsibu fil-ktieb tal-Ġenesi meta l-bniedem, b'deċiżjoni ħielsa, iddeċieda li ma jobdix lil Alla. (10)

*a) (i) Narrate the story we find in the book of Genesis when the human being, by his/her own free will, decided to go against the order given to him/her by God. (10)*

*a)* (ii) Ikteb dwar l-**ERBA'** konsegwenzi li ġab fuqu l-bniedem permezz ta' dan l-att ta' diżubbidjenza. (8)

*a) (ii) Write about* the ***FOUR*** *consequences that the human being brought upon himself/herself through this act of disobedience. (8)*

b) Id-dnub tal-ewwel bnedmin (id-Dnub Oriġinali), hu l-għerq li minnu jissokta jikber u jixtered il-ħażen fid-dinja. Spjega kif dan hu minnu, u kif saħansitra għadu jirrepeti ruħu anke llum. (16)

*b) The sin of the first human beings (the Original Sin) is the root through which the world's evil continued to grow and spread. Explain how this is true, and how it is still repeating itself even today. (16)*

c) Fl-ittra tiegħu lir-Rumani, San Pawl jikteb "Min se jeħlisni minn dan il-ġisem tal-mewt?" (Rum. 7,24) Spjega dan il-kliem ta' San Pawl fid-dawl ta' dak li n-Nisrani għandu jagħmel biex jeħles mix-xibka tad-dnub. (16)

*c) In his letter to the Romans, St Paul writes: "Who will rescue me from this body doomed to death?" (Rom. 7,24) Explain these words of St Paul in the light of what the Christian should do to free himself/herself from the trap of sin. (16)*

**(Totali: 50 marka)** ***(Total: 50 marks)***

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

**2. Alla minn Alla, Dawl minn Dawl, Alla veru minn Alla veru.**
***2. God from God, Light from Light, true God from true God.***

a) (i) B'liema **ERBA'** modi Ġesù wera' li hu kien Alla? (12)
*a) (i) In what **FOUR** ways did Jesus show that he was God? (12)*
a) (ii) Għall-Insara, x'differenza tagħmel din il-verità? (6)
*a) (ii) For the Christians, what difference does this truth make? (6)*
b) Billi ssemmi eżempji mill-Evanġelji, ikteb dwar **TLIET** kwalitajiet li permezz tagħhom Ġesù wera l-umanità tiegħu. (15)
*b) By referring to examples from the Gospels, write about **THREE** qualities by which Jesus revealed his humanity. (15)*
c) (i) Għaliex l-Insara għandhom jisimgħu u jsegwu kliem Ġesù? X'differenza se tagħmel il-kelma tiegħu fil-ħajja tagħhom? (9)
*c) (i) Why should Christians listen and adhere to the words of Jesus? What difference is his word going to do in their lives? (9)*
c) (ii) Permezz ta' **ERBA'** eżempji, uri kif int tista' timita lil Ġesù. (8)
*c) (ii) By means of **FOUR** examples, indicate how you can imitate Jesus. (8)*

**(Totali: 50 marka)** ***(Total: 50 marks)***

**3. Il-Knisja hi Waħda, Qaddisa, Kattolika, Appostolika.**
***3. The Church is One, Holy, Catholic, Apostolic.***

a) Fisser dawn l-**ERBA'** karatteristiċi li nistqarru waqt il-Kredu. (20)
*a) Explain these **FOUR** characteristics which we profess in the Creed. (20)*
b) Ġesù xebbah il-Knisja tiegħu ma' għalqa mimlija qamħ u sikrana.
*b) Jesus compared his Church to a field full of wheat and weeds.*
(i) Fi kliemek, irrakkonta din il-parabbola. (6)
*(i) Narrate this parable in your own words. (6)*
(ii) X'messaġġ xtaq iwassal Ġesù b'din il-parabbola? (6)
*(ii) What message did Jesus wish to convey with this parable? (6)*
(iii) Ġesù uża iktar tixbihat biex jiddeskrivi l-Knisja tiegħu. Semmi **TNEJN** minnhom. (4)
*(iii) Jesus used more images to describe his Church. Mention **TWO** of them. (4)*
c) Fi ħdan il-Knisja, insibu diversi kariżmi.
*c) Within the Church, we find various charisms.*
(i) Semmi **TLIET** ħidmiet li l-Ispirtu s-Santu jqajjem fl-Insara għall-ġid tal-komunità. (6)
*(i) Mention **THREE** tasks that the Holy Spirit awakens amongst the Christians for the good of the community. (6)*
(ii) Wieħed ma jistax jgħid li jemmen fi Kristu u mbagħad ma jaċċettax lill-Knisja li hu stess ried u waqqaf. Iddiskuti. (8)
*(ii) One cannot say that he/she believes in Christ and then refuses to accept the Church that he himself wanted and established. Discuss. (8)*

**(Totali: 50 marka)** ***(Total: 50 marks)***

**4. "Tassew, tassew ngħidlek, li jekk wieħed ma jitwelidx mill-ilma u l-Ispirtu, ma jistax jidħol fis-Saltna ta' Alla." (Ġw. 3, 5)**
***4. "In all truth I tell you, no one can enter the Kingdom of God without being born through water and the Spirit." (Jn 3, 5)***

a) Ikteb dwar **ERBA'** modi kif in-Nisrani jista' jakkwista s-Saltna ta' Alla. (16)
*a) Write about **FOUR** ways by which the Christian can attain the Kingdom of God. (16)*
b) Spjega x'dinjita' jagħti s-Sagrament tal-Magħmudija lil dawk li jirċevuh. (20)
*b) Explain what dignity the Sacrament of Baptism gives to all those who receive it. (20)*

c) (i) X'rabta hemm bejn is-Sagrament tal-Magħmudija u s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof? (8)

*c) (i) What is the connection between the Sacrament of Baptism and the Sacrament of Confirmation? (8)*

c) (ii) X'effetti jħalli s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof fuq min jirċivieh? (6)

*c) (ii) What effects does the Sacrament of Confirmation leave on those who receive it? (6)*

**(Totali: 50 marka)** ***(Total: 50 marks)***

**5. "Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jiġifieri jekk ikollkom imħabba bejnietkom." (Ġw. 13, 35)**

***5. "It is by your love for one another, that everyone will recongnise you as my disciples." (Jn 13, 35)***

a) "L-imħabba taf tistabar u tħenn; l-imħabba m'hijiex għajjura, ma tintefaħx biha nnifisha, ma titkabbarx fuq l-oħrajn, ma tagħmilx dak li mhux xieraq, ma tfittix dak li hu tagħha, xejn ma tinkorla; ma żżommx f'qalbha għad-deni, ma tifraħx bl-inġustizzja, imma tifraħ bil-verità; kollox tagħder, kollox temmen, kollox tittama, kollox tissaporti. L-imħabba ma tmut qatt." (1 Kor. 13, 4-8)
Ikkumenta kliem San Pawl fid-dawl tal-ħajja Nisranija u agħti **ERBA'** eżempji kif in-Nisrani jista' jgħix din l-imħabba. (18)

*a) "Love is always patient and kind; love is never jealous; love is not boastful or conceited, it is never rude and never seeks its own advantage, it does not take offence or store up grievances. Love does not rejoice at wrongdoing, but finds its joy in the truth. It is always ready to make allowances, to trust, to hope and to endure whatever comes. Love never comes to an end." (1 Cor. 13, 4-8)
Comment on the words of St Paul in the light of the Christian life and give **FOUR** examples on how the Christian can live this love. (18)*

*b)* Fis-Sagrament taż-Żwieġ, l-għarajjes iwiegħdu lil xulxin "li nżomm ruħi fidil/fidila lejk, fir-risq it-tajjeb u l-ħażin, fil-mard u fis-saħħa, u li nħobbok u nirrispettak tul ħajti kollha." (mir-Rit taż-Żwieġ)
X'qed ifissru l-għarajjes lil xulxin b'dan il-kliem? (16)

*b) In the Sacrament of Marriage, the spouses promise each other "to be faithful to you, in good times and in bad, in sickness and in health, to love you and to honour you all the days of my life." (from the Rite of Marriage)
What do the spouses mean by these words? (16)*

c) Fl-Enċiklika *Amoris Laetitia*, Papa Franġisku jikteb: "Il-miżżewġin, huma u jagħtu lilhom infushom lil xulxin, ma jagħtux biss lilhom infushom, iżda xi ħaġa aktar minnhom għax jagħtu l-ulied, li huma xbieha ħajja ta' mħabbithom, u sinjal li jibqa' tal-għaqda ta' bejniethom". (AL, par. 165)
(i) X'responsabbiltà għandhom il-ġenituri fit-tnissil tal-ulied? (8)
(ii) F'każ li l-omm issir taf li qed iġġorr f'ġufha embriju diżabbli, għandha hi ttemm dik il-ħajja? Ikkummenta. (8)

*c) In his Encyclical letter Amoris Laetitia, Pope Francis writes: "The couple, in giving themselves to one another, give not just themselves but also the reality of children, who are a living reflection of their love, a permanent sign of their conjugal unity." (AL, par. 165)
(i) What responsibility do parents have in the procreation of children? (8)
(ii) In case a mother learns that she is carrying a disabled embryo in her womb, should she terminate that life? Comment. (8)*

**(Totali: 50 marka)** ***(Total:50 marks)***

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE
EXAMINATIONS BOARD

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE LEVEL**
**SESSJONI MEJJU 2018/2018 MAIN SESSION**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT/SUBJECT: | **IT-TAGĦLIM RELIĠJUŻ/RELIGIOUS KNOWLEDGE** |
| KARTA NUMRU/PAPER NUMBER: | IIB |
| DATA/DATE: | 26 ta' Mejju 2018/26th May 2018 |
| ĦIN/TIME: | mill-4:00 p.m. sas-6:05 p.m./4:00 p.m. to 6:05 p.m. |

**Din il-karta għandha 60% tal-marki kollha tal-eżami. Tista' twieġeb bil-Malti JEW bl-Ingliż. Wieġeb GĦAXRA minn dawn l-erbatax-il mistoqsija f'forma ta' paragrafu. Kull mistoqsija għandha 15-il marka minn total ta' 150.**
***This paper carries 60% of the global mark of the exam. You can answer EITHER in English OR in Maltese. Answer TEN from these fourteen questions in paragraph format. Each question carries 15 marks out of a total of 150.***

1. Xi żgħażagħ isibu diffikultajiet fil-prattika tar-reliġjon.
   Xi jfixkilhom milli jagħmlu dan?
   *Some youths find it difficult to practice religion.*
   *What impedes them from doing so?*

2. Il-Bibbja għandha awtur ewlieni u diversi awturi sekondarji. Spjega.
   *The Bible has a main author and a number of secondary authors. Explain.*

3. "Is-serp l-aktar wieħed li jilħaqlu…" (Ġen. 3, 1)
   Fi kliemek ikteb ir-rakkont tal-'waqgħa tal-bniedem' fid-dnub.
   *"The snake was the most subtle …" (Gen. 3, 1)*
   *Write in your own words the narrative of the 'fall of man' into sin.*

4. "La tersaqx 'l hawn … Neħħi l-qorq minn riġlejk għax il-post li int fuqu hu art qaddisa." (Eż. 3,5)
   Kif kompliet il-ġrajja tal-Eżodu tal-poplu Lhudi mill-art tal-Eġittu?
   *"Come no nearer … take off your sandals, for the place where you are standing is holy ground." (Ex. 3,5)*
   *How did the account of the Exodus of the Jewish people from the land of Egypt continue?*

5. L-Appostli kienu jibqgħu miblugħin quddiem il-ħafna għeġubijiet li kien jagħmel Ġesù.
   Irrakkonta **ŻEWĠ** mirakli li juru li Ġesù kellu s-setgħa fuq il-mewt.
   *The Apostles remained astonished before the many wonders that Jesus used to do.*
   *Narrate **TWO** miracles which show that Jesus had the power over death.*

6. It-tliet missjonijiet tal-Knisja huma li tgħallem, li tqaddes, u li tmexxi l-komunità Nisranija. Spjega.
   *The three missions of the Church are to teach, to sanctify, and to lead the Christian community. Explain.*

***Jekk jogħġbok aqleb wara. / Please turn the page.***

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

7. Is-Sagrament tal-Qrar huwa sagrament ta' qawmien u ferħ għax huwa rigal ta' Kristu Rxoxt. Ikteb dwar **TLIET** affarijiet li l-midneb jeħtieġ li jagħmel biex ikun jista' jilqa' l-maħfra ta' Alla?
*The Sacrament of Confession is a sacrament of renewal and enjoyment because it is a gift of the Risen Christ. Write about **THREE** things that the sinner needs to do so as to receive God's forgiveness.*

8. Anna u Pawlu kienu jieħdu qatgħa meta joqrob il-jum tal-Ħadd għax dejjem kien ikollhom xi jgħidu fuq il-quddiesa li jkunu sejrin jisimgħu. Pawlu dejjem igerger li se jisimgħu dejjem l-istess filwaqt li Anna kienet tisħaq li d-differenza bejniethom kienet l-atteġġjament li bih huma kienu jersqu biex jipparteċipaw fil-quddiesa. Kienet tgħidlu li jridu jmorru b'atteġġjament differenti minn meta jmorru jaraw xi film jew xi partita futbol. U hawn Pawlu kien jibda jitmasħan għax kien dilettant ħafna tal-futbol!
*Ann and Paul used to dread the approaching of Sunday because they always quarrelled about the mass they were going to attend. Paul always complained that they were going to hear always the same things, while Ann used to insist that the difference between them was the attitude with which they were going to participate in mass. She used to tell him that they had to go with an attitude that was different from that when they go to watch a movie or a football match. At this point Paul used to get angry because he was keen on football!*

B'liema atteġġjamenti għandna nersqu lejn il-quddiesa biex ma jiġrilniex li narawha bħal toqol?
*What attitudes should we adopt when going to mass so as to avoid feeling it a burden?*

9. Ikteb dwar **TLIET** eżempji biex turi kif iż-żgħażagħ għandhom jimpenjaw ruħhom għal dinja aħjar.
*Write about **THREE** examples to indicate how young people should be committed towards a better world.*

10. X'inhuma l-effetti li jħalli s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof fuq min jirċevieh?
*What effects does the Sacrament of Confirmation leave on those who receive it?*

11. Spjega għaliex persuna ma tistax tagħmel li trid b'ħajjitha. Fit-tweġiba tiegħek irreferi għall-ewtanasja u s-suwiċidju.
*Explain why one cannot do what he/she wants with his/her own life. In your answer refer to euthanasia and suicide.*

12. Minkejja li George ġab iċ-ċertifikati meħtieġa biex ikun jista' japplika biex jidħol fil-ħajja tax-xogħol, qed iħossu mħawwad fejn u meta sejjer jaħdem. Meta kien qed jaqra l-gazzetta ra ħafna reklami dwar opportunitajiet fid-dinja tax-xogħol. Imma kull darba li jkun ġa beda jimla l-applikazzjoni kien iqattagħha, iqum minn fuq l-iskrivanija, u jmur jitlob parir mingħand missieru. Fl-aħħar aċċetta dak li qallu missieru dwar x'għandu jfittex meta jagħżel xogħol, fehmu dwar id-drittijiet u d-dmirijiet tiegħu. Fl-aħħar iddeċieda!
*Although George had obtained the required certificates with which he could apply for work, he was feeling confused about where and when he was going to work. When he was reading the newspaper, he saw many adverts about working opportunities. But every time he started an application, he would tear it up, rise up from his desk, and go to ask his father for advice. Finally he accepted what his father told him about looking for work, he explained to him about his rights and duties. At the end he decided!*

a) X'pariri tajba seta' ta l-missier lil ibnu?
*a) What good advice could the father have given his son?*
b) Ikteb dwar **ŻEWĠ** dmirijiet li l-ħaddiem għandu jkollu fuq il-post tax-xogħol.
*b) Write about **TWO** duties a worker should have at the place of work.*

13. L-indissolubilità, il-fedeltà u l-unità huma t-tliet karatteristiċi taż-żwieġ Nisrani.
Spjega dawn it-**TLIET** karatteristiċi.
*Indissolubility, fidelity and unity are the three characteristics of the Christian marriage.*
*Explain these **THREE** characteristics.*

14. "Ejjew ... ħudu b'wirt tagħkom is-Saltna … għax kont bil-ġuħ u tmajtuni; kont bil-għatx u sqejtuni." (Mt. 25, 34-35)
Billi tagħmel referenza għal dak li hu essenzjali biex wieħed jikseb il-ħajja ta' dejjem, ikkummenta dwar x'ried ifisser Ġesù b'dan il-kliem.
*"Come ... take as your heritage the Kingdom ... for I was hungry and you gave me food; I was thirsty and you gave me drink." (Mt. 25, 34-35)*
*By referring to what is essential for a person to attain everlasting life, comment on what Jesus meant by these words.*